Qorti ta’ l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 43/2010

**ISP Ltd (C 44724)**

**vs**

**Direttur Generali (Dwana)**

Il-Gimgha, 15 ta’ Lulju 2016

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjetà ISP Limited tat-2 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema mpunjat id-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas tas-somma ta’ sittin elf ewro (€60,000) rapprezentanti dazju u *anti-dumping duty* fuq konsenja ta’ basktijiet tal-plastik li hija xtrat minghand *wholesaler* gewwa Hong Kong biex tbieghhom lil diversi kumpaniji gewwa l-Unjoni Ewropea. Ghar-ragunijiet indikati minnha fir-rikors promotur hija talbet lit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva jiddikjara li: (i) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax jikkontesta l-valur tal-basktijiet tal-plastik li hi iddikjarat stante li hija osservat il-procedura skond il-Ligi *inter alia ai termini* ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni taghha u dan ai termini ta' dak provdut fl-Ewwel Artikolu tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax jikkontesta l-valur f'dan l-istadju stante li l-oggetti gew dikjarati fil-presenza ta' l-Ufficjal tieghu skont il-ligi u hija tilfet kull opportunità li tipprevalixxi ruhha mill-Artikolu 14 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) ma hemm l-ebda prova li l-valur dikjarat minnha mhux il-valur korrett u cioè li dak li hija hallset huwa l-prezz ezatt li huwa indikat fid-dokumenti kollha dikjarati lill-awtoritajiet kompetenti. Ghaldaqstant id-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana hija zbaljata u l-valur dikjarat minnha huwa dak li ghandu jintuza sabiex jigi kalkolat kwalsiasi dazju li ghandu jigi jew li gie mhallas. Bl-ispejjez.

Ra r-Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana[1] tal-25 ta’ Novembru 2010 permezz ta' liema (i) in linea preliminari eccepixxa li huwa gie notifikat biss bir-Rikors promotur u mhux ukoll bid-dokumenti annessi mieghu u ghaldaqstant talab li jigi notifikat b'tali dokumenti; (ii) fil-mertu oppona ghat-talbiet tas-socjetà rikorrenti u talab li l-istess jigu michuda u d-decizjoni tieghu kkonfermata. Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti, stante li l-ammont ta' dazju u *anti-*

[1] Fol 251 et seq.

*dumping duty* fis-somma ta' sittin elf seba' mija sitta u ghoxrin Euro (€60,726) huma dovuti mis-socjetà rikorrenti fl-intier taghhom.

Rat is-sentenza tat-Tribunal tas-27 ta' Frar 2014 li ddecieda :

*"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi:*

*1. Fl-ewwel lok jordna korrezzjoni ulterjuri fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi t-titolu Kummissarju tat-Taxxi" jigi kkancellat u sostitwit bit-titolu "Direttur Generali (Dwana)";*

*2. Jichad l-ewwel tlett talbiet tas-socjetà Rikorrenti; u*

*3. Jilqa' in parte r-raba' talba taghha b'dana li jhassar u jirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana notifikata lis-socjetà Rikorrenti b'ittra datata 24 ta' Settembru 2010 in kwantu din tirreferi ghall-konsenji ta' plastic bags koperti bid-dokumenti ta' importazzjoni binNumri TDID 2009601020778, TDID 2009600990700, TDID 2009600988228, TDID 2009601025004, TDID 2009601017688, TDID 2009601007159, TDID 2009601011439, TDID 2009601025003, TDID 2009601020779, izda tikkonferma dik l-istess decizjoni in kwantu tirreferi ghall-konsenji ta' plastic bags koperti bid-dokumenti ta' importazzjoni bin-Numri TDID 2009600999915, TDID 2009601003513, TDID 2008600985743, TDID 2009600988229, TDID 2009600994512, TDID 2009600994513, TDID 2009601003512, TDID 2009601007344 u TDID 2009601007242 b'dana li d-dazju u anti-dumping duty dovuti mis-socjetà Rikorrenti lid-Direttur Generali (Dwana) jammontaw ghal €30,380.07.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn is-socjetà Rikorrenti u d-Direttur Generali (Dwana)."*

Iz-zewg partijiet appellaw mis-sentenza[2]. Gew prezentati twegibiet mill-partijiet ghall-appelli rispettivi[3]. Fit-3 t'Awissu 2015 gie prezentat rikors mid-Direttur Generali (Dwana)[4] permezz ta' liema huwa talab lill-Qorti tordna l-ezekuzzjoni mmedjata tas-sentenza permezz ta' garanzija adegwata li tkopri s-somma shiha li tista' tkun dovuta u cioe' €60,726, jew f'ammont li tordna l-Qorti, u dan ai termini tal-artikolu 244 tal-Kodici Doganali u l-artikolu 266 tal-Kap 12. Is-socjeta' ISP Ltd opponiet ghal tali talba ghar-ragunijiet indikati f'risposta datata 15 ta' Frar 2016[5]. Waqt is-seduta tal-24 ta' Frar 2016[6] dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

---

[2] L-appell tas-socjeta' rikorrenti gie prezentat fit-18 ta' Marzu 2014 u dak tad-Direttur Generali tad-Dwana gie prezentat fl-20 ta' Marzu 2014 (fol 22 et seq).

[3] Risposta tal-Appell tad-Direttur Generali (Dwana) a fol 34 et seq u dik tas-socjeta' rikorrenti a fol 65 et seq.

[4] Fol 51.

[5] Fol 85 u 86.

[6] Fol 87.

**L-appell tas-socjeta' ISP Limited**

***Preliminari***

Mar-rikors tal-appell, is-socjeta appellanti pprezentat dokument mahrug mill-Bank HSBC[7]. Dan id-dokument m'huwiex gdid kif qeghda tinsinwa s-socjeta' appellanti izda wiehed li kien diga' jifforma parti mill-*istatements* bankarji esibiti quddiem it-Tribunal a fol 303. Il-Qorti ser tikkumenta dwaru fil-korp tal-kunsiderazzjonijiet taghha dwar dan l-appell.

***Aggravji***

L-aggravji tas-socjeta appellanti huma relatati mal-apprezzament tal-provi tat-Tribunal.

Kif inghad ripetutament mill-Qrati, "*f'materja tal-apprezzament tal-provi din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx kaz ta' zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti ser issofri ingustizzja. Jigi osservat ukoll li, jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, multo magis bhal fil-kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti semghet hi stess uhud mix-xhieda, fosthom l-attrici, jixhdu viva voce u ghalhekk kellha l-beneficju tal-iskrutinju dirett ta' dawn ix-xhieda.*[8]"

**L-ewwel aggravju: Valur tal-konsenji skont il-provi.**

i. Oneru tal-Prova: Ghar-rigward tal-valur tal-konsenji in kwistjoni, s-socjeta' appellanti tikkritika l-konkluzjoni tat-Tribunal li l-oneru tal-prova kien jispetta lilha u mhux lill-intimat. Fil-fehma taghha dan kellu jkun bil-kontra. Mis-sentenza tat-Tribunal hu evidenti li t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni wara li kkunsidra l-provi li ressqet kull parti u kkonkluda:

*"Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni li in kwantu jirrigwarda l-konseni ta' plastic bags koperti bid-dokumenti ta' importazzjoni bin-numri TDID 2009600999915, TDID 2009601003513, TDID 2008600985743, TDID 2009600988229, TDID 2009600994512, TDID 2009600994513, TDID 2009601003512, TDID 2009601007344 u TDID 2009601007242 il-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri mhux talli ma jgibux fix-xejn il-provi tad-Direttur Generali (Dwana) fil-konfront taghha vis-a-vis dawn l-istess konsenji tali juru sitwazzjoni li iktar tikkorabora u b'hekk issahhah l-affermazzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) li fir-rigward ta' dawn il-konsenji partikolari kien hemm underdeclaration da parte tas-socjetà Rikorrenti ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-merkanzija bil-konsegwenza li naqset milli thallas id-dazju u anti-dumping duty kollha minnha effettivament dovuta, liema dazju u anti-dumping duty mhux imhallsa mis-socjetà Rikorrenti jammontaw ghal €30,380.07."*

---

[7] A fol 19.

[8] **Francienne Fenech vs Alexander Fenech** deciz fid-29 t'April 2016 (Rik 423/04 – Qorti tal-Appell).

Permezz ta' dawn il-proceduri, is-socjeta appellanti kkontestat id-decizjoni tal-appellat. Kull parti ressqet il-provi li kellha tressaq, u t-Tribunal wasal ghad-decizjoni wara li gharbel il-provi li tressqu. F'dan il-kaz it-Tribunal ta' affidabilita lill-provi tal-intimat ghal dak li jirrigwarda parti mill-konsenji ta' *plastic bags*. Haga li kellu kull dritt li jaghmel. Hu ovvju li t-Tribunal kien tal-fehma li l-appellanti ma rnexxilhiex tirribatti l-provi li ressaq l-intimat.

ii. <u>Decizjoni tat-Tribunal dwar il-konsenji</u>: Filwaqt li s-socjeta' appellanta qablet ma' dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal hassar id-decizjoni tal-intimat fir-rigward ta' tmintax il-konsenja ta' basktijiet tal-plastik, ma qablitx mal-konkluzjoni tat-Tribunal fir-rigward tad-decizjoni tal-Kontrollur ghall-bqija tal-konsenji.

Dwar id-dokument ta' mportazzjoni bin-numru **TDID 2009600999915** rrizulta mix-xhieda ta' Saviour Grima, Principal fis-Sezzjoni tal-*Customs Economic Procedures Unit (CEPU)* fid-Dipartiment tad-Dwana[9] li fit-12 ta' Marzu 2009, id-Dipartiment tad-Dwana baghat rikjesta lill-awtoritajiet kompetenti fic-Cina[10] ghal verifika tal-korrettezza u l-awtenticita' ta' Certifikat ta' Origini nru C093709007830023 mahrug lil *Weifang Yuanhua Plastic Products Co. Ltd* ghall-konsenja ta' 3279 basket tal-plastik indirizzati lill-kumpanija Maltija Jet Services Ltd[11]. Dan ic-Certifikat ta' Origini jkopri l-importazzjoni ta' basktijiet tal-plastik mis-socjeta' appellanti bin-numru TDID 2009600999915[12], liema mportazzjoni hija wahda minn dawk indikati fid-decizjoni tad-Direttur, illum kontestata, tal-24 ta' Settembru 2010[13]. Skond John Camilleri, ufficjal tad-Dwana, *"fi Frar tal-2009 il-kumpannija ISP giet miltuba tipprezenta certifikati ta' origini mahruga mill-awtoritajiet Cinizi sabiex jikkonfermaw li tali prodotti kienu jikkwalifikaw ghal rata imnaqqsa ta' dazju maghruf bhala anti dumping duty. Hekk kif gie pprezentat l-ewwel certifikat lid-Dwana, dan inghata lil Saviour Grima biex dan jintbaghat lill-awtoritajiet Cinizi biex tkun tista' tigi verifikata l-awtenticita tieghu."* (fol. A55). Il-verifika ntalbet wara li lid-Dwana rrizultawlha diskrepanzi bejn taghrif li hemm fic-Certifikat ta' Origini u l-fattura relattiva prezentata f'Malta mis-socjeta' appellanti. Fit-twegiba l-awtoritajiet Cinizi kkonfermaw il-korrettezza u l-awtenticita' tac-certifikat ta' origini, izda qalu wkoll li l-fattura mibghuta ghall-verifika mid-Dwana Maltija ma kinitx l-istess wahda prezentata lill-awtoritajiet Cinizi mill-esportatur[14]. L-istess awtoritajiet Cinizi baghtu kopja tal-fattura fil-pussess taghhom lid-Dwana ta' Malta[15].

---

[9] Affidavit immarkat Dok SG a fol A2 et seq.

[10] Dok SG1 a fol A5 (Vol. II).

[11] Dok SG1A a fol A7 – Jinghad ukoll lil Olvin Galea, direttur tal-kumpanija Jet Services Ltd huwa wkoll wiehed mid-diretturi tal-kumpanija appellanti.

[12] Dok SG2 a fol A8.

[13] Fol 248.

[14] Ittra datata 31 ta' Mejju 2009 a fol A11.

[15] Dok SG 4 a fol A12.

Tqabbil bejn dawn iz-zewg fatturi juri bic-car li filwaqt li l-kwantita' ta' basktijiet tal-plastik importati f'din il-konsenja kien jaqbel bejniethom (3279), hemm avarija sostanzjali fil-prezz tal-basktijiet dikjarat ghal fini ta' kalkolu u hlas ta' dazju. Dan ghaliex filwaqt li l-fattura prezentata lid-Dwana Maltija mis-socjeta' appellanti fiha valur ta' $4,475.84 (fol. 68), il-fattura li kellhom f'idejhom l-awtoritajiet Cinizi kienet tindika valur ta' $34,429.50.

Diskrepanza sostanzjali fil-valuri tal-konsenji tirrizulta wkoll fid-dokument ta' mportazzjoni bin-numru **TDID 2009601003513**[16], ukoll formanti parti mid-decizjoni kontestata tal-Kontrollur, li ghalih giet segwita l-istess procedura ta' verifika bejn l-awtoritajiet tad-Dwana f'Malta u dawk fic-Cina. Saviour Grima xehed li b'ittra tal-21 ta' Dicembru 2010[17], talab verifika dwar tlett certifikati ta' origini ohra, wiehed minnhom abbinat mal-importazzjoni appena msemmija[18]. Ir-risposta ghal din ir-rikjesta nghatat mill-awtorita' doganali Cinizi f'ittra tal-21 ta' Marzu 2011[19] li fiha ghal darb'ohra kkonfermat l-awtenticita' tac-Certifikati t'Origini mibghuta mill-awtorita' doganali Maltija, izda rega' gie osservat diskrepanza fil-prezzijiet tal-basktijiet dikjarati ghal fini ta' kalkolu u hlas ta' dazju. Dan ghaliex filwaqt li l-prezz dikjarat lid-Dwana ta' Malta mis-socjeta' appellanti ghall-konsenja tal-2000 basket tal-plastik kien ta' $4617[20], il-valur dikjarat fil-fattura moghtija mill-esportatur lid-Dwana Ciniza kien ta' $38,480[21].

Dan kollu gie wkoll konfermat minn John Camilleri, assistent direttur fid-Dipartiment tad-Dwana[22]. Di piu' John Camilleri xehed ukoll li[23]:

*"..waqt laqgha ta' ko-perazzjoni li d-Dwana Maltija kellha ma' membri tal-European Anti Fraud Office (OLAF) dawn ta' l-ahhar spjegaw kif skont statistici li huma gabru, l-valur ta' Plastic Bags esportati mic-Cina kellu jkun ta' bejn $1.30 u $1.50 kull kilo.*

*Illi wara stharrig li ufficjali tal-European anti fraud Office (OLAF) ta' l-Unjoni Ewropea ghamlu mal-awtoritajiet Cinizi, rrizulta li l-valur indikat fuq il-fatturi pprezentati lid-Dwana ta' Malta ghal disa' konsenji separati li l-kumpanija ISP Ltd importaw f'Malta, juri li l-valur kif dikjarat tal-plastic bags kien hafna aktar baxx minn dak indikat fuq l-istess fatturi pprezentati mill-esportatur Ciniz lill-awtoritajiet. Fil-fatt il-valur reali ta' dawn il-konsenji hu bejn $1.2449 u $1.5399 free on board (FOB) kull kilo. Ta' min jghid li l-valuri ddikjarati mill-kumpanija ISP Ltd*

---

[16] Fol. A36.

[17] Fol. A27.

[18] Dok SG10 a fol A27.

[19] Dok SG14 a fol A44.

[20] Dok SG 12 a fol A36.

[21] Dok SG 12A a fol A39.

[22] Affidavit immarkat bhala Dok JC a fol A55.

[23] Affidavit a fol A56.

*kienu ta' bejn $0.147 u $0.22 kull kilo. Dan id-dokument qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok JC 1."*

Tenut kont ghalhekk li gew ampjament pruvati diskrepanzi sostanzjali bejn (i) il-prezz ghal-fini ta' kalkolu u hlas ta' dazju kif dikjarati mis-socjeta' appellanti u l-prezz ferm oghla dikjarat mill-esportatur lid-Dwana Ciniza, kif ukoll (ii) il-valuri reali ta' dawn il-konsenji kif irrizultaw wara l-investigazzjoni tal-OLAF meta mqabbla mal-valuri baxxi dikjarati mad-Dwana Maltija mis-socjeta' appellanti, il-Qorti taqbel li fir-rigward ta' dawn iz-zewg konsenji bin-numru tal-importazzjoni TDID 2009600999915 u TDID 2009601003513, id-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana tal-24 ta' Settembru 2010 hi korretta.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li s-socjeta appellanti pprezentat fit-Tribunal, argumentat:

*"Illi bir-rispett kollu, l-intimat qed jaghmel l-argument tieghu fuq allegazzjoni li meta giet prodotta l-merkanzija din harget mic-Cina b'valur hafna aktar gholi. Izda ma ngabet l-ebda prova dwar il-valur tal-merkanzija meta din dahlet Malta.* ***L-intimat qed jassumi li gja la darba din giet prodotta isegwi li kellha tigi importata b'dak il-prezz jew ghola. Dan imur direttament kontra l-principju ta' negozju"*** (fol. 418, enfazi tal-qorti).

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-raguanament. Fl-ewwel lok is-socjeta appellanti ma spjegatx x'inhu l-principju ta' negozju li kienet qeghda tirreferi ghalih. Il-logika hi li jekk il-manifattur tal-*plastic bags* talab il-prezzijiet li huma dikjarati fl-invoices li ntbghatu mill-awtoritajiet Cinizi, il-probabilta hi li t-terza persuna li bieghet l-istess prodotti lil haddiehor ser titlob prezz ghola minn dak li hallset lill-kumpannija li mmanifatturat il-basktijiet. Id-diskrepanza bejn il-prezzijiet hi tant kbira li kummercjalment ir-ragunament tas-socjeta appellanti ma jaghmilx sens.

Is-socjeta' appellanti tikkoncedi li tressqu provi dwar dawn iz-zewg konsenji partikolari izda xorta qeghda tpoggi f'dubju l-validita' u l-ammissibilta' tad-dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet Cinizi bhala prova il-ghaliex skont hi, r-rekwiziti tal-ligi dwarhom ma gewx segwiti. Jidher li fl-appell hija qeghda tiffoka partikolarment fuq il-fattura ta' *Wepang Yuanhua Plastic Products Co Ltd* li tirrigwarda l-importazzjoni numru TDID 2009600999915 (Dok SG 4)[24]. Quddiem it-Tribunal is-socjeta' llum appellanti kienet diga' ressqet ilment dwar l-awtenticita' ta' diversi dokumenti mibghuta mill-awtoritajiet tad-Dwana Cinizi, fosthom Dok SG4. Fit-8 ta' Mejju 2012 it-Tribunal ta digriet[25] li bih sab li d-dokumenti in kwistjoni kienu jissodisfaw il-vot tal-ligi dwar l-awtenticita' taghhom. **Pero' mir-rikors tal-appell ma jirrizultax li sar appell minn dak id-digriet, tant li fl-ahhar parti tar-rikors tal-appell ma saritx talba sabiex jithassar id-digriet tat-8 ta' Mejju 2012**.

Il-Qorti tqis ukoll li Saviour Grima, bhala rapprezentant tad-Direttur Generali (Dwana) kkonferma bil-gurament li huwa rcieva dawn id-dokumenti personalment fosthom Dok SG 4 [26].

[24] fol A12.

[25] Fol 355 et seq.

[26] Ara l-affidavit tieghu a fol A2 et seq.

Waqt ix-xhieda tieghu *viva voce* iddikjara li t-timbri u l-indirizzi li ntuzaw ghal dawn ic-certifikati mill-awtoritajiet doganali cinizi kienu jaqblu mal-kampjuni moghtija mill-istess Cinizi lill-Unjoni Ewropea[27]; u gew ezibiti wkoll vera kopji ta' dawn il-kampjuni[28]. Ta rilevanza hu li l-invoices li ddikjarat is-socjeta rikorrenti fid-dikjarazzjonijiet li ghamlet lid-Dwana, ma jissemmewx fic-certifikati ta' origini. Certifikati li skond Saviour Grima ntalbu lis-socjeta appellanti; *"Wara li rrizultaw dawn il-fatti ta' diskrepanzi fil-valuri, id-Dipartiment tad-Dwana ndaga fuq l-importazzjonijiet li kienu diga' saru mill-istess kumpannija ISP Ltd. Ghalhekk talab lill-kumpannija importatrici sabiex tipprovdi c-certifikati l-ohra li kienu ntuzaw ghall-importazzjonijiet precedenti biex dawn jintbaghatu ghall-verifika wkoll."*[29] Fil-fatt fl-istess certifikati ta' origini li l-appellanti stess tat lill-intimat, hemm dikjarat numru ta' invoice differenti minn dak li l-appellanti pprezentat. Ma jirrizultax li s-socjeta appellanti tat spjegazzjoni ghal din l-anomalja. In-numru tal-invoice dikjarat fic-certifikati ta' origini jaqbel mal-invoices li ntbaghatu mill-awtoritajiet Cinizi.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet jidher li l-invoices li pprezentat is-socjeta appellanti ma kienu xejn ghajr **dokumenti ntizi biss biex juri li l-merkanzija nxtrat ghall-prezz ferm inqas mill-prezz li effettivament thallas meta nxtrat il-merkanzija**. Il-qorti ma tistax tikkunsidra b'mod iehor id-diskrepanza konsiderevoli bejn il-valuri tal-merkanzija, kif dikjarati mill-manifattur u l-valur dikjarat minn Full Dynamic Trading Limited. Il-qorti tinnota wkoll kif meta s-socjeta appellanti giet rinfaccata bid-decizjoni tal-intimat, u dan jidher li kien ghal habta ta' nofs Lulju 2010[30], m'hemmx prova li pprovat taghmel kuntatt ma' Full Dynamic Trading Limited biex jekk kien hemm malintiz jigi ccarat. L-istess fir-rigward tal-kumpannija Weifang Yuanhua Plastic Products Co Ltd, m'hemmx prova li s-socjeta appellanti talbet ghal kjarifika minkejja li Dok. SG4 u certifikat ta' origini SG1A inhargu f'isem Jet Services Limited. Il-qorti kienet tistenna li dik kellha tkun l-ewwel haga li taghmel is-socjeta appellanti kif giet notifikata bid-decizjoni tal-intimat.

Il-Qorti tosserva wkoll li:

i. Hu veru li f'Dokument SG4 tissemma Jet Services Limited bhala d-destinatarja. Pero' mill-provi rrizultat konnessjoni cara bejn l-appellanti u Jet Services Limited. Kif xehed Olvin Galea, direttur tas-socjeta' Jet Services Limited u wkoll direttur u shareholder tas-socjeta' appellanti, id-dokumenti tad-Dwana ghall-fini ta' mportazzjoni ghan-nom ta' ISP Limited kienu jsiru minn Jet Services Ltd[31]. L-istess xhud qal li *"…. Jet Services Limited hija Freight Forwarding Company u jiena shareholder f'dik il-kumpannija. Ahna fil-fatt bhala ISP nuzaw is-servizzi ta' dik il-kumpannija biex nimpurtaw dik il-merkanzija imbaghad biex jergghu jigu*

[27] Seduta tal-14 ta' Settembru 2012 a fol 375 et seq.

[28] Dok RM1 a fol 369 et seq.

[29] Fol. A2.

[30] Ara ittra a fol. 248.

[31] Sedauta tas-7 ta' Frar 2012 a fol 334 et seq.

*esportati. Fil-fatt il-Bill of Lading minghand il-wholesaler tkun indirizzata lil Jet Services Limited."* Ghalhekk l-argument tas-socjeta' appellanti li m'ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta' Jet Services Ltd hu bla bazi. Inoltre, Olvin Galea stess xehed, *"Jet Services Limited hija a freight forwarding company normali li tiehu hsieb freight forwarding, dikjarazzjonijiet tad-Dwana…."* (fol. 335).

ii. m'hemmx xi ndikazzjoni li Dok SG 4 hu falz, u f'kull kaz, l-awditur ta' Jet Services Ltd[32] seta' jixhed biss fuq dokumenti li ISP Limited tatu u mhux dokumenti li qatt ma kien ra;

iii. Il-kont SG4 inhareg f'isem Jet Services Ltd. Jekk kif issostni s-socjeta appellanti ma kellha x'taqsam xejn mal-kumpannija Weifang Yuanhua Plastic Products, Ltd, il-qorti ma tifhimx kif f'dan id-dokument u *certificate of origin* relattiv (SG1A), tissemma Jeta Services Ltd. Cirkostanza li tkompli tindika li effettivament kienet tezisti relazzjoni. Hekk ukoll tissemma wkoll Jet Services Ltd fic-certifikat ta' origini SG10C[33] li nhareg mill-istess kumpannija u li ghalih tirreferi d-dikijarazzjoni tad-dwana li ghamlet is-socjeta appellanti bin-numru 2009601003513[34];

iv. Fl-ittra datata 31 ta' Mejju 2009 (fol. A11) mibghuta mill-awtoritajiet Cinizi, jinghad car u tond:

*"The Certificate of Origin was exactly issued and stamped by us. The products were covered by the certificate were produced and exported by Weifang Yuanhua Plastic Products Co, Ltd Shandong, China. The products were of Chinese origin and complied with the Regulations on Origin of Import and Export Goods of the People's Republic of China.*

***The Invoice in your verification letter was not the one that the exporter presented to us by applying for the Certificate of Origin. Hereby we send you the commercial invoice No. V0851656 presented by the exporter while applying for the Certificate of Origin."*** (enfazi tal-qorti).

Mal-ittra tal-31 ta' Mejju 2009 kien hemm mehmuz id-dokument li l-awtoritajiet Cinizi nghataw mill-esportatur ghall-hrug tac-certifikat ta' origini, cjoe' kont numru V0851656 datat 29 ta' Dicembru 2008 (Dok. SG4 a fol. A12). Fatt konfermat minn Saviour Grima meta xehed fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2012[35]. M'hemm l-ebda raguni ghalfejn it-Tribunal kellu jiddubita li fil-fatt dak kien l-invoice li l-esportatur ta lill-awtoritajiet Cinizi.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fit-Tribunal, is-socjeta appellanti ddikjarat:

---

[32] Xhieda ta' Robert Borg waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2011 a fol 296.

[33] Ara fol. A31.

[34] Ara fol. A36.

[35] Ara Fol. 377.

*"Illi r-rikorrenti huma kumpannija registrata Malta li xtrat minghand kumpannija registrata Hong Kong, ossija Full Dynamic Trading Limited.* ***Ir-rikorrenti qatt ma xtraw mic-Cina u qatt ma kellhom relazzjoni mal-manifattur."*** (fol. 417).

Pero' fid-dikjarazzjonijiet ta' importazzjoni li s-socjeta appellanti ghamlet:

i. jissemmew biss kumpanniji Cinizi bhal Weifang Yuanhua Plastic, b'indirizz fic-Cina. L-istess kumpannija tissemma per ezempju fin-*notice of arrival* li harget Jet Services Ltd lil ISP Limited (fol. 25) meta wahda mill-konsenji waslet Malta.

ii. il-kumpannija Full Dynamic Trading Limited ma tissemmiex.

Il-qorti zzid li filwaqt li s-socjeta appellanti semmiet il-fatt li l-awtoritajiet Cinizi qatt ma tressqu bhala xhieda, pero' hekk ukoll min-naha taghha ma ressqitx bhala xhieda lil rapprezentant tal-kumpanniji Full Dynamic Trading Limited u Pansak Limited[36].

Fl-appell taghha s-socjeta' appellanti tressaq aggravji wkoll dwar diversi konsenji ohra ta' merkanzija b'dikjarazzjonijiet li saru lid-Dwana, bin-numru: TDID 200860098574339, TDID 200960098822940, TDID 200960099451241, TDID 200960099451342, TDID 200960100351243, TDID 200960100734444 u TDID 2009601007242.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li r-riferenza korretta tad-dokumenti ta' mportazzjoni f'din il-parti tal-appell ghandha tkun: TDID 2008600985743, TDID 2009600988229, TDID 2009600994512, TDID 2009600994513, TDID 2009601003512, TDID 2009601007344 u TDID 2009601007242. It-Tribunal ikonkluda li dwar dawn il-konsenji, id-decizjoni tad-Direttur tad-Dwana kienet gustifikata u cahad it-talba tas-socjeta appellanti fir-rigward ta' dawn il-konsenji.

Iccarat dan, ghal dawk li huma dokumenti ta' mportazzjoni ezibiti mill-intimat u li strettament ma kinux jifformaw parti mill-konsenji mertu tad-decizjoni kontestata tal-Kontrollur tal-24 ta' Settembru 2010, il-Qorti tqis li m'hemm xejn avvers li t-Tribunal ammettihom xorta in atti la deherlu li kienu rilevanti sabiex fi kliemu *"verament ikollu kwadru* ***shih*** *tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz*[37]*."*

Fir-rigward tal-konsenji mertu ta' din il-parti tal-appell, il-Qorti tqis li mill-assjem ta' dokumenti prezentati in atti kien possibbli ghat-Tribunal, fuq bazi ta' probabilta', li jasal ghal konkluzjoni anke dwarhom. Id-disa' mportazzjonijiet indikati mill-OLAF f'Dok JC1[38] ma gewx ikkunsidrati b'mod izolat mit-Tribunal izda evidentement gew paragunati mad-dokumenti ta' mportazzjoni prezentati mis-socjeta' appellanti stess fir-rikors promotur kif ukoll mal-istatements tal-Banek li maghhom ghandha kontijiet bankarji s-socjeta' appellanti. Meta per ezempju tipparaguna d-dikjarazzjonijet tad-dwana fuq imsemmija mad-dokumenti JC1, in-numru tal-container u l-isem tal-vapur jaqblu. Inoltre l-intimat ipprezenta dokumenti ohra relatati mal-importazzjoni ta'

[36] Din tal-ahhar hi suppost il-kumpannija li xtrata il-merkanzija minghand is-socjeta appellanti.

[37] Fol 356 - Digriet tat-Tribunal tat-8 ta' Mejju 2012.

[38] Fol A57.

*plastic bags* mis-socjeta appellanti (Dok. SG5-SG9), li jsahhu d-decizjoni tal-intimat. Hu veru li d-dokumenti jirreferu ghall-konsenji li m'humiex oggett ta' dawn il-proceduri[39], imma huma konsenji ta' *plastic bags*, importati f'Malta mis-socjeta appellanti, provenjenti mic-Cina. Negozju li sar matul l-istess sena, cjoe' 2009.

Is-socjeta' appellanti tilmenta wkoll dwar il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fuq it-transazzjonijiet bankarji li saru dwar il-konsenji in kwistjoni. Il-Qorti tosserva li mir-referenza tal-Bank TT MTA866652MNY **jidher** li huwa minnu li t-transazzjoni li saret fis-6 ta' Marzu 2009 fil-kont numru 033-256983-451 ghas-somma ta' $17,027.17 kienet dik ta' ritorn ta' fondi tas-somma ekwivalenti fl-ewro ta' €13,805.07 imhallsa mis-socjeta' appellanti lil *Full Dynamic Trading Ltd* fit-2 ta' Marzu 2009. Ghalkemm jidher li dan il-fatt sfugga lit-Tribunal, il-Qorti tinnota li s-socjeta' appellanti ma ghamlet ebda argumenti biex tirribatti l-konsiderazzjonijiet tal-istess Tribunal li jolqtu t-transazzjonijiet bankarji fuq il-fattura numru 10091 abbinata mad-dokument ta' mportazzjoni numru TDID 2008600985743 u ghalhekk ma hemmx lok li jitwarrbu ghal kollox il-konstatazzjonijiet tat-Tribunal dwar dan l-aspett.

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll li s-socjeta' appellanti baqghet ma rrendiet ebda spjegazzjoni plawsibbli u kredibbli ghal dak li rrizulta lit-Tribunal minn analizi tal-*istatements* tal-Bank ta' Jet Services Limited u cioe' diversi okkazzjonijiet fejn fl-istess zmien jew ftit granet qabel ma s-socjetà ISP Limited kienet tircievi hlas minghand is-socjetà Pansac Limited – il-klijent tas-socjetà ISP Limited – is-socjetà Jet Services Limited (li skont is-socjeta' appellanti kellha relazzjoni kummercjali biss maghha) ghal raguni li baqghet bla spjegazzjoni, irceviet hlasijiet pjuttost sostanzjali minghand Pansak Limited[40]. Fatt li jkompli jsahhah id-decizjoni tal-intimat.

Fic-cirkostanzi l-aggravju hu michud.

**<u>It-tieni aggravju: Artikoli tal-ligi.</u>**

Is-socjeta' appellanti qeghda terga' tirriproponi uhud mill-argumenti mressqa minnha quddiem it-Tribunal dwar diversi artikoli tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta).

i. <u>L-artikolu 4 (5) tal-Kap 337.</u>

Dan l-artikolu jghid hekk:

*"(5) Fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jitħallsu fuq oġġetti taħt dan l-artikolu ma jkunux ġew miġbura, l-ammont li jkun għadu jrid jitħallas għandu jibqa' dovut għal perijodu ta' sitt*

---

[39] Il-konsenji oggett ta' dawn il-proceduri huma dawk dikjarati fl-ittra datata 24 ta' Settembru 2010 li l-intimat baghat lil Dr D. Farrugia Sacco fejn fiha hemm elenkat id-dikjarazzjonijiet tad-Dwana li ghalihom tirreferi d-decizjoni tal-intimat li s-socjeta appellanti kellha thallas €60,726 *"representing Duty and Anti-dumping Duty on a consignment of bags imported in Malta."* (fol. 248).

[40] Ara pagna 19 tas-sentenza tat-Tribunal.

*snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-artikolu 12A ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu msemmi:*

*Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'għandux jitlob il-ħlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oġġetti ġew spezzjonati sew mill-uffiċjal li għamel ir-rilaxx u li ġew hekk rilaxxati minnu* ***u*** *li l-valur ta' dawk l-oġġetti kien dikjarat sewwa."*

Huwa evidenti li dan l-artikolu jezonera lill-importatur mill-hlas ta' dazju li ma jkunx gie migbur fil-kaz biss fejn id-Direttur Generali (Dwana) ikun issodisfa ruhu li l-oggetti kienu gew spezzjonati sew mill-ufficjali tieghu **kif ukoll** li l-valur dikjarat mill-importatur ikun wiehed sewwa u cioe' veritier li jirrifletti l-valur proprju tieghu. Peress li kif inghad, gie pruvat b'mod sodisfacenti li l-valur dikjarat ma kienx sewwa, il-qorti ma tistax tiehu xi beneficcju billi targumenta li l-intimat kien sodisfatt bl-ispejjez li kienu ghamlu l-ufficjali tieghu. Din id-disposizzjoni m'hijiex mahsuba biex torbot idejn id-Direttur li min-naha tieghu ghandu diversi poteri ohra li jippermettulu jiehu azzjoni anke f'kazijiet bhal dawk in ezami fejn wara r-rilaxx tal-merkanzija jirrizultalu minn investigazzjoni tad-dokumenti u taghrif iehor li l-informazzjoni li moghtija mill-importatur ma tkunx korretta, *ergo* fost ohrajn fejn il-valur tal-merkanzija jkun gie sottovalutat. F'dan il-kuntest l-artikolu 11(3) jipprovdi:

*"(3) Fejn ir-reviżjoni tad-dikjarazzjoni jew l-eżami ta' wara r-rilaxx ikunu jindikaw illi d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura tad-dwana relattiva kienu ġew applikati fuq bażi ta' informazzjoni mhux korretta jew sħiħa, l-awtoritajiet tad-dwana għandhom, skont il-provvedimenti stabbiliti, jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, filwaqt li jqisu dik l-informazzjoni ġdida li tkun ġiet f'idejhom."*

Il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tas-socjeta' appellanti dwar l-artikolu 78 tat-Taqsima I C tat-Tieni Kapitolu tat-Titolu IV tar-Raba' Skeda tal-Kap 337. Il-Qorti ssib li mhuwiex minnu li dak il-provvediment japplika biss ghal merkanzija rilaxxata bil-procedura semplici kif allegat. Kif jidher car mit-tqassim ta' din it-Taqsima, l-artikoli 62 sa 75 japplikaw ghall-procedura normali u l-artikolu 76 japplika ghall-procedura simplifikata. Dawn huma regolati f'taqsima 'A' ntitolata Dikjarazzjonijiet bil-Miktub. L-Artikolu 78 jinsab f'taqsima 'C' u japplika b'mod generali ghall-ezami tad-dikjarazzjonijiet **kollha** wara l-izdoganar. Ghalhekk japplika wkoll ghall-kaz in ezami. Infatti dan l-artikolu jipprovdi li:

*"1. L-awtoritajiet tad-Dwana jistgħu jemendaw id-dikjarazzjoni wara r-rilaxx tal-oġġetti fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba tad-dikjarant.*

*2. L-awtoritajiet tad-Dwana jistgħu, wara r-rilaxx tal-oġġetti u sabiex ikunu sodisfatti dwar l-eżattezza tal-partikolaritajiet li jkunu jinsabu fid-dikjarazzjoni, jispezzjonaw id-dokumenti kummerċjali u d-'data' li jkollhom x'jaqsmu ma' l-operati tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni rigward l-oġġetti involuti jew għal operati kummerċjali sussegwenti fejn huma involuti dawn l-oġġetti. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jsiru fil-fond tad-dikjarant, ta' kull persuna direttament jew indirettament imdaħħla fl-operati msemmija b'kapaċità kummerċjali jew ta' kull persuna*

*oħra li jkollha f'idejha d-dokument u d-'data' msemmija għal għanijiet kummerċjali. Dawk l-awtoritajiet jistgħu wkoll jeżaminaw l-oġġetti fejn ikun għadu possibbli li jinġiebu.*

*3. Fejn ir-reviżjoni tad-dikjarazzjoni jew l-eżami wara l-iżdoganar jindikaw li d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura tad-Dwana konċernata ikunu ġew applikati fuq il-bażi ta' tagħrif skorrett jew inkomplet, l-awtoritajiet tad-Dwana għandhom, skont id-disposizzjonijiet stabbiliti, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, fid-dawl tat-tagħrif ġdid li jkollhom f'idejhom.*

*4. Meta jkun meħtieġ illi uffiċjali minn Dipartimenti oħra tal-Gvern jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet ta' wara l-iżdoganar id-disposizzjonijiet ta' din it-taqsima għandhom japplikaw ukoll għal dawn l-uffiċjali."*

Fid-dawl ta' dan l-artikolu lanqas iregi ghalhekk l-argument tas-socjeta' appellanti li d-Direttur Generali (Dwana) seta' biss jaghmel il-verifiki u l-kontrolli necessarji fuq il-konsenji jew id-dokumentazzjoni abbinata maghhom qabel ma dawn gew rilaxxjati.

Lanqas huwa minnu li dan l-artikolu jikkoncerna biss verifika tal-ezattezza tal-partikolaritajiet imnizzla fid-dikjarazzjoni limitatament ghall-identifikazzjoni tal-merkanzija. Is-subartikolu 3 jipprovdi car dwar il-procedura li ghandha tigi segwita mill-awtorita' doganali Maltija fejn l-ezami **<u>wara</u>** l-izdoganar tal-merkanzija jew ir-revizjoni tad-dikjarazzjoni jirrizulta li l-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-"procedura tad-Dwana"[41] ikunu gew imhaddma a bazi ta' taghrif skorrett, inkluz ghalhekk valur skorrettement dikjarat.

Ma hemm ebda kunflitt bejn l-artikolu 78, l-artikolu 4 (5) u l-Kapitlu 3, Taqsima 3 Titolu II tar-Raba' Skeda li jirregola l-valur. Il-Qorti diga' ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar l-artikolu 4 (5). Il-Kapitlu 3 tat-Taqsima msemmija, filwaqt li jirregola l-valur tal-oggetti doganali u jistabbilixxi li tali valur ghandu jkun il-valur tat-transazzjoni [art.29(1)], ma jeskludix l-applikazzjoni tal-artikolu 78 u artikoli ohra fosthom l-artiklu 11 fejn jirrizulta, kif gara fil-kaz odjern, li l-valur tat-transazzjoni dikjarata mad-Dwana ta' Malta ikun inqas mill-valur tat-transazzjoni kif dikjarata mill-esportatur.

B'zieda ma' dan issir referenza wkoll ghall-artikolu 36A (1) tal-Kap 337, ukoll kwotat mit-Tribunal li jistipula li: *"d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tad-Dwana li hemm fir-Raba' Skeda għandhom japplikaw għal dak kollu li jinsab fiha minkejja kull ħaga kuntrarja li hemm fl-Att jew f'xi liġi oħra."*

ii. <u>L-artikolu 14 tat-Tielet Skeda</u>

Ghalkemm l-artikolu 1 ta' din l-iskeda jipprovdi li "*The customs value of imported goods shall be the transaction value, that is the price actually paid or payable for the goods when sold for export to Malta",* dan l-artikolu ma jistax jigi nterpretat u applikat barra mill-kuntest ta' artikoli ohra rilevanti. L-artikolu 14 ta' din l-istess skeda nfatti jipprovdi li "*Nothing in this Schedule*

[41] Procedura tad-Dwana – definita fl-artikolu 4 (16) tat-Titolu 1 Kap 1 tar-Raba' Skeda u tfisser fost ohrajn ir-rilaxx ta' prodotti ghac-cirkolazzjoni hielsa u t-transitu ta' merkanzija

*shall be construed as restricting or calling into question the rights of customs administrations to satisfy themselves as to the truth or accuracy of any statement, document or declaration presented for customs valuation purposes".* Dan l-artiklu, kif tajjeb irrileva t-Tribunal huwa wiehed li jkompli jikkonferma l-koncessjoni ta' drittijiet li l-legislatur ta lill-awtorita' doganali Maltija biex tezercita l-poteri taghha sabiex testabilixxi l-veracita' u korrettezza ta' kull dokument moghti lilha.

Jigi ribadit ukoll li l-Iskedi varji tal-Kodici jikkumplimentaw lil xulxin, ma jezistux indipendentement minn xulxin u lanqas jistghu jigu nterpretati f'kunflitt ma' xulxin.

Inoltre, d-dokumenti kollha prezentati mid-Direttur Generali (Dwana) mehudin fl-assjem taghhom urew fuq bazi ta' probabilita' stampa realistika dwar il-valuri almenu tal-konsenji li dwarhom it-Tribunal sab favur id-Direttur Generali.

iii. <u>L-artikolu 221 (2) tat-Taqsima I, tat-Titolu VII, Kapitlu 3 tar-Raba' Skeda</u>

Kif qal tajjeb it-Tribunal, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 221 dwar dak li ghandu jitqies bhala l-ammont ta' dazju mdahhal fir-registri tad-Dwana bl-ebda mod ma jista' jigi evalwat jekk mhux fil-kuntest tad-dispozizzjonijiet l-ohra diga' citati tal-Kap 337. Ghalhekk dan l-artikolu ma jaffetwax il-poter shih lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex jinvestiga l-konsenji mpurtati fejn mehtieg, anke wara li l-istess konsenji jkunu gew rilaxxjati.

Dan l-aggravju hu michud ukoll.

<u>**L-appell tad-Direttur Generali (Dwana),**</u>

L-aggravju tal-appellant huwa dwar dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal fejn intlaqghet parzjalment ir-raba' talba tas-socjeta' rikorrenti dwar il-konsenji bid-dokumenti ta' mportazzjoni bin-numri TDID 2009601020778, TDID 2009600990700, TDID 2009600988228, TDID 2009601025004, TDID 2009601017688, TDID 2009601007159, TDID2009601011439, TDID 2009601025003, TDID 2009601020779. Dan ghaliex fil-fehma tieghu, kien hemm provi sufficjenti fl-assjem taghhom li s-socjeta' rikorrenti ssottovalutat dawn il-konsenji mpurtati wkoll bl-istess operat li uzat biex tevadi l-hlas ta' dazju fuq il-konsenji li dwarhom it-Tribunal sab favur dan l-appellant.

Fit-twegiba ghal dan l-appell, is-socjeta appellant argumentat li l-appell hu null ghaliex l-intimat ma talabx li *"tigi kkonfermata d-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana notifikata lis-socjeta rikorrenti b'ittra datata 24 ta' Settembru 2010 in kwantu din tirreferi ghall-konsenji ta' plastic bags"* li dwarhom giet michuda t-talba tas-socjeta rikorrenti. Eccezzjoni li hi frivola. L-intimat ma kellu l-ebda htiega li jitlob ghall-konferma ta' dawk il-kapi tas-sentenza li jaqbel maghhom. L-appell jitratta dwar parti biss mis-sentenza tat-Tribunal, u t-talba tal-intimat kellha tindirizza **biss** dik il-parti tas-sentenza li ried jappella minnha. Min jappella m'ghandux bzonn jitlob li l-qorti tikkonferma dawk il-kapi ta' sentenzi li jaqbel maghhom. Fejn l-appellant irid li jsir tibdil fis-sentenza, fl-gheluq tar-rikors tal-appell it-talba ghandu tkun *"...it-tibdil tas-sentenza li jintalab dwar kull kap."* (Artikolu 143(2) tal-Kap. 12).

Dwar il-konsenji mertu ta' dan l-appell it-Tribunal ikkonkluda li:

*"Fir-rigward tal-konsenji l-ohra però t-Tribunal ma jistax jasal ghal din l-istess konkluzjoni. Ghalkemm mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Dwana) wiehed jista' jassumi li l-operat tas-socjetà Rikorrenti kien l-istess fir-rigward tal-konsenji l-ohra wkoll, it-Tribunal ma jistax jibbaza d-decizjonijiet tieghu fuq assunzjonijiet izda fuq provi cari."*

It-Tribunal kellu jiddeciedi fuq bazi ta' probabilita'. Fil-fehma tal-qorti, gialadarba t-Tribunal kien konvint li mill-provi li tressqu fir-rigward tad-disa' dikjarazzjonijiet kien hemm *"underdeclaration da parte tas-socjeta rikorrenti ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-merkanzija bil-konsegwenza li naqset milli thallas id-dazju u anti-dumping duty kollha minnha effettivament dovuta…."*[42], ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn ma waslitx ghall-istess konkluzjoni fir-rigward tal-kumplament ta' dikjarazzjonijiet. Hu veru li fir-rigward tal-kumplament ta' konsenji ma gewx prezentati *certificate of origin* u lanqas il-kontijiet li nhargu mill-bejjiegh fic-Cina, pero:

i. Fil-kaz tad-disa' dikjarazzjonijiet li dwarhom it-Tribunal cahad it-talba tas-socjeta appellanti, kien biss fir-rigward ta' tnejn minnhom li gie pprezentat *certificate of origin* u invoice tal-esportatur fic-Cina. Madankollu it-Tribunal xorta wasal ghal konkluzjoni, gustament fil-fehma tal-qorti, li fis-seba' dikjarazzjonijiet l-ohra ma giex dikjarat il-valur veru tal-merkanzija.

ii. Kien hemm provi ohra li juru li gara l-istess fir-rigward ta' merkanzija ohra tal-istess generu, li pero' m'hijiex oggett ta' dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-dokumenti mehmuza mal-affidavit ta' Saviour Grima (Dok. SG5-SG9).

iii. L-oggetti tad-dikjarazzjonijiet li dwarhom it-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta appellanti, huma wkoll *plastic bags*.

iv. Il-merkanzija giet importata f'Malta mis-socjeta appellanti, f'perjodu bejn Jannar 2009 u Marzu 2009.

v. F'kull wahda mid-dikjarazzjonijiet tad-Dwana, is-socjeta appellanti ddikjarat li l-kumpannija li mmanifatturat il-basktijiet kienet Weifang Yuanhua Plastic, ta' Weifang City, Shandong Province, Cina. L-istess kumpannija li tissemma fic-certifikati ta' origini SG1A[43] u SG10c[44].

vi. Il-valur tal-merkanzija li ddikjarat is-socjeta appellanti hu ferm 'il boghod mill-valur dikjarat fil-kontijiet li ntbaghatu mill-awtoritajiet Cinizi lid-Dipartiment tad-Dwana

[42] Fol. 19 tas-sentenza.

[43] Ara fol. A7.

[44] Ara fol. A31.

f'Malta. Hu veru li l-kontijiet jirreferu ghall-konsenji ohra, madankollu huma ghall-istess prodott u jirrelataw ghal negozju li sar fl-istess perjodu.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti hi tal-fehma li d-decizjoni tal-intimat kienet ragonevoli. Wara kollox f'dawn il-proceduri kien qieghed jistharreg agir amministrattiv, u kellu jiddeciedi jekk id-decizjoni tal-intimat kinitx ragonevoli. Hu evidenti li fir-rigward ta' disa' dikjarazzjonijiet t-Tribunal ikkonkluda li kien hemm evazjoni ta' dazju. Min wettaq agir illegali u ottjena gwadann f'taxxi diretti jew indiretti, ma kellux jinghata l-beneficcju tad-dubju meta tikkunsidra c-cirkostanzi li ssemmew hawn fuq. M'hemmx prova li fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet li dwarhom it-Tribunal laqa' t-talba, is-socjeta appellant tat *certificate of origin* lid-Dwana f'Malta. Dokument li l-qorti fehemet li hu essenzjali sabiex isiru verifiki mal-awtoritajiet doganali fic-Cina. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li xehed John Camilleri (ara fol. 385).

F'dan il-kaz irrizulta *system of conduct* min-naha tas-socjeta appellanti, li kellu jwassal lit-Tribunal biex jichad it-talba tas-socjeta appellanti ukoll fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet li jissemmew fit-tieni paragrafu tal-ahhar faccata tas-sentenza tat-Tribunal[45].

Ghaldaqstant l-appell tal-intimat hu gustifikat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:-**

1. **Tichad l-appell tas-socjeta ISP Ltd bl-ispejjez kontra taghha.**
2. **Tichad l-eccezzjoni tas-socjeta appellanti li l-appell tal-intimat hu null.**
3. **Tilqa' l-appell tad-Direttur Generali (Dwana) u tibdel is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tas-27 ta' Frar 2014, fis-sens li thassar dik il-parti tas-sentenza li rrevokat d-decizjoni tal-intimat fir-rigward tal-konsenji tal-plastic bags li jissemmew fid-dokumenti ta' importazzjoni bin-numri: TDID 2009601020778, TDID 2009600990700, TDID 2009600988228, TDID 2009601025004, TDID 2009601017688, TDID 2009601007159, TDID 2009601011439, TDID 2009601025003, TDID 2009601020779. Tichad it-talba tas-socjeta appellanti[46] fir-rigward ta' dawn il-konsenji.**
4. **Spejjez kollha relatati mal-proceduri quddiem it-Tribunal kif ukoll l-ispejjez tal-appell tad-Direttur Generali (Dwana) huma a karigu tas-socjeta appellanti.**

Anthony Ellul

[45] Ara fol. 463.

[46] Maghmula bir-rikors promotur tat-2 ta' Novembru 2010.